MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Numru. 264/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt. Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Jonathan Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Jonathan Mizzi ta' 26 sena, iben Michael u Emanuela nee Azzopardi, imwieled il-Pieta fit-23 ta' Settembru 1982, residenti gewwa Jofgal Court A, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta ta' l-Identita  521682(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Novembru 2008 u matul il-granet ta' qabel din id-data:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza ghandha tinstema' minn din il-Qorti  bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat,  il-fatt li huwa

ikkopera mal-pulizija, u li l-fedina penali tieghu hija pjuttost raffrattarja. Pero jidher li l-imputat qed jipprova jbiddel hajtu u ghandu impjieg fiss kif ukoll tarbija. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita sabiex ibiddel hajtu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artkolu 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness, u li ghandu jifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet relatati maghha ezebiti jigi distrutti taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------